Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1450/2000/1

**Mario Mentoza**

**vs**

**Joanne Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Lulju 1995 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok "A", u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija


Qrati tal-Gustizzja

psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet,** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta’ Lulju 1995 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

1. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-23 ta’ Novembru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa minnu illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null *stante* ragunijiet serji u ammissibbli fil-ligi mputabbli liz-zewg partijiet.

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandhiex tissubixxi spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 10 sa 13 tal-process, fosthom l-inkartament li bih il-konvenuta giet assenjata b'difensur ta' l-Ghajnuna Legali b'digriet tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota ta' l-attur datata 3 ta' Jannar 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavits (bil-lingwa Taljana) ta' ommu Nunzia Gangi in Mentoza, u ta' hutu Fabio u Concetto Mentoza.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti diversament ippresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo nnominat lil Dr. Deborah Huber bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata. In vista li l-attur informa lill-Qorti li ma jifhimx la bil-Malti lanqas bl-Ingliz, il-Qorti tatu l-fakolta' li jkun akkompanjat b'interpretu f'dawn il-proceduri skond kif stipulat fil-ligi. *Nonostante* dan, gie deciz li l-proceduri jkomplu bil-lingwa Maltija.

Rat in-nota ta' l-attur datata 24 ta' Mejju li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 24 ta' Mejju 2001 fejn talab li jinhatar *'translator'* sabiex l-affidavits tieghu jigu tradotti ghall-lingwa Maltija.

Rat il-verbali tat-18 ta' Gunju 2001 fejn b'referenza ghat-talba attrici fir-rikors imsemmi l-Qorti laqghat it-talba; u tas-26 ta' Novembru 2001;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Frar 2002 fejn b'referenza ghar-rikors ta' l-attur tal-24 ta' Mejju 2001, wara li kkonfermat id-digriet fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2001, ipprefiggiet ghoxrin (20) gurnata sabiex issir it-traduzzjoni ta' l-affidavits attrici.

Rat in-nota ta' l-attur tat-13 ta' Frar 2002 fejn in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Frar 2002 esebixxa t-traduzzjoni ta' l-affidavits minnu gja' prezentati.

Rat il-verbali tat-22 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tal-24 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali ddikjarat li l-provi huma maghluqa; tas-27 ta' Frar 2003; tat-8 ta' Mejju 2003; tat-12 ta' Gunju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Dr. Sandra Sladden ghall-attur irrimettiet ruhha ghar-rapport; u tal-21 ta' Jannar 2004 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2005.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg tieghu ma' martu *stante* li qed jikkontendenti li l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha. Jikkontendi wkoll li l-kunsens ta' l-istess konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Fl-ahharnett jallega li l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attur qed ivanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** jinghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character,*

*affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principjі hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J**.* **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi mbaghad fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dawn il-principji huma bazilari ghall-kuncett ta’ kunsens validu fiz-zwieg tant li fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (P.A. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-qorti qalet illi *“m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra u x-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq ‘a partnership for life’.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubbilta’ taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef’** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi ‘element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(‘colorem habens, substantiam vero nullam’)* kif ukoll dak parzjali *(‘colorem habens, substantiam vero alteram’)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *“eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*”, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*‘finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu***

***19 (1) (f)*** *trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li:- *"indissolubility can be excluded from consent in two*

*different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000), u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, u hawn issir referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999).

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg in ezami fuq l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), artikolu 19 (1) (d) (f)** ta' l-istess.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-fatturi evidenti u rilevanti li ghandhom jigu kkunsidrati fil-kwadru generali tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) L-eta` mmatura tal-partijiet meta zzewgu: il-konvenuta kellha tmintax-il (18) sena u l-attur kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. Fil-fatt l-attur kien l-ewwel guvni tal-konvenuta. L-immaturita` tal-konvenuta kienet cara ukoll ghall-familjari taghha. Ix-xhud, **Christine Farrugia** xehdet: *"Jiena ghalija kienet immatura li zzewget daqshekk malajr bla preparazzjoni ta' xejn."* **Omm il-konvenuta** xehdet dwar l-immaturita` tal-partijiet: *"Jiena ma rajthomx maturi bizzejjed sabiex jizzewgu t-tnejn li huma."*

(b) Il-partijiet ma jaqblux dwar z-zmien meta ltaqghu u bdew johorgu flimkien. Il-konvenuta tghid li r-relazzjoni taghhom bdiet fis-sajf tal-1994. Filwaqt li l-attur jghid li huma ltaqghu fl-Ghid 1995. Il-partijiet jaqblu pero` li z-zwieg li sehh fit-28 ta' Lulju 1995, sar ta' malajr, bla preparamenti jew riceviment u ftit xhur wara li bdew johorgu flimkien. Infatti **l-konvenuta** tixhed:-

*"Qabel iz-zwieg m'ghamilniex kors taz-zwieg bhal ta' Kana jew hekk. Qabel iz-zwieg jiena u Mario qatt ma kellna xi diskussjonijiet dwar tfal fi zwieg, dmirijiet u obbligi taz-zwieg, trobbija u edukazzjoni tat-tfal."*

Illi fil-fatt z-zwieg taghhom jew l-allegat zwieg tant sehh malajr li hadd mill-familjari taghhom ma attenda ghac-cerimonja, hlief ghaz-zewg xhieda. Wara c-cerimonja l-partijiet marru d-dar bhal gurnata normali.

Illi f'dan ir-rigward **omm il-konvenuta** xehdet: *"fil-fatt tant izzewgu malajr li ma kellhom xejn preparat u lest."* Il-familjari kollha kienu opposti ghal dan iz-zwieg li kien sejjer issehh habta u sabta.

(c) Ir-ragunijiet ghal dan iz-zwieg gew spjegati kemm mill-partijiet u kif ukoll mix-xhieda taghhom. L-attur xehed li huwa kien gie nfurmat li *"jekk nizzewgu nista' nibqa' nghix Malta u anki nahdem hawn".* Huwa ghamel rakkont ta' l-incident li gara xi gimgha qabel izzewgu meta fil fatt missier il-konvenuta kien kecca lill-attur mid-dar. Il-konvenuta kienet segwiet lill-attur. Missierha kien heddidhom li jekk il-konvenuta tmur tghix ma' l-attur, huwa kien sejjer icempel lill-Pulizija. F'dawn ic-cirkostanzi kollha huma ddecidew li jizzewgu. **Il-konvenuta** fix-xhieda taghha tikkonferma dan l-incident u tghid li xi gimaghtejn wara huwa kienu zzewgu. Tixhed ukoll li: *"Ahna qbadna u zzewwigna bla sens".* **Omm l-attur** xehdet li l-attur spjegalha li l-kontendenti riedu jizzewgu biex jghixu wehedhom u biex joqghodu flimkien. Ix-xhud **Concetto Mentoza** xehed li l-attur kien qallu li l-kontendenti kienu qed jghixu mal-familja tal-konvenuta u li ghalhekk il-partijiet riedu l-hajja taghhom u jghixu flimkien. **Omm il-konvenuta** xehdet: *"Hija kienet qaltli li sejra tizzewweg hekk malajr sabiex Mario ma jitkecciex minn Malta u jista' joqghod hawn regolarment."* Xehdet ukoll li: *"Joanne riditu joqghod Malta u anke huwa ried joqghod hawn u ghalhekk izzewgu ghaliex inkella kien ikollu jirritorna lura lejn l-Italja."*

(d) Il-problemi matrimonjali bdew mill-bidu taz-zwieg. **L-attur** jispjega kif il-konvenuta kienet dejjem ghand il-familja taghha u li kienet tirrifjuta li tohrog wahedha mieghu minghajr il-familja taghha. Jixhed ukoll li l-konvenuta qatt ma kienet tkun id-dar, lanqas facendi, hasil ta' hwejjeg jew tisjir ma kienet taghmel. Meta l-partijiet kienu jiggieldu, il-konvenuta kienet titlaq mid-dar u tmur ghand il-familja taghha, gieli ghal gurnata u gieli ghal diversi granet. Jghid ukoll li l-konvenuta kienet spiss torqod ghand il-familja taghha u thallih wahdu. Jixhed: *"Joanne ma kienitx maqtugha ghaz-zwieg ghax lanqas kienet taf xi tfisser il-hajja mizzewga. Ghaliha, jien kont hemm biss biex naghtiha l-flus u nmantniha. Ghalkemm mizzewga hija xorta baqghet tghix hajja ta' xebba."* **Il-konvenuta** tixhed li hija kienet tqatta' hin mal-familja taghha izda dejjem kienet tkun id-dar meta jasal l-attur u

kien dejjem ikollu l-ikel lest. Hija tghid li l-glied principali taghhom kien ikun minhabba l-ghira ta' l-attur."

(e) Dwar tfal fiz-zwieg **l-attur** jghid li l-konvenuta kienet qed tiehu kontracettiva u ghalhekk qatt ma harget tqila. Il-konvenuta tinnega dan u tghid li anke kienet marret ghand it-tabib minhabba li ma hargitx tqila. **Omm l-attur** tixhed li l-konvenuta kienet infurmata li *"mhux ser ikun hemm tfal."*

Illi l-attur ibbaza n-nullita` taz-zwieg fuq il-kunsens tal-konvenuta taht **artikolu 19 (1) (d)**. Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002, iddikjarat li *"b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku."* (ara f'dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** deciza fil-25 ta' Mejju 1995).

Illi kif qalet sew il-brava perit legali l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u jikkrejaw familja. Dan jehtieg maturita` ta' hsieb fejn wiehed jaghraf l-obligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta' zwieg. Il-kuncett ta' *discretio judicii* tirrikjedi konoxxenza tad-drittijiet, id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li dehlin fiha l-partijiet.

Illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak semplici rikjest fil-kuntratti in generali. Il-partijiet ghandhom mhux biss ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda jrid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti. Dan il-kuncett gie enuncjat fil-kawza **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** deciza fil-25 ta' Marzu 2002. L-awtur ***J.R. Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Illi kif jispjega ukoll l-gurista ***Colagiovanni***:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinanti dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita"* (**Forum 1990**, Vol 1, part 1, page 72).

Illi ***Dr Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid li d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"… supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Ill hawn qed issir referenza ghall-kawza **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, studjat il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u dahlet fil-fond f'dak li jghid il-gurista ***Bersini***: *"La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' att da compiere, agli obbligi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore ..."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale –** ***Bersini*** **- Torino 1994**).

Illi l-impenn ghall-futur jfisser l-obbligazzjonijiet essenzjali li minghajrhom l-unjoni intima tal-hajja mizzewga ma tistax issehh, fosthom fedelta` u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u l-*benessere* reciproka tal-partijiet. Il-partijiet irid ikunu kapaci jirriflettu fuq dawn l-obbligazzjonijiet u dmirijiet u jkunu kapaci jwettqu dawn tul il-hajja taghhom.

Illi dawn l-obbligazzonijiet essenzjali mhux definiti fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** izda *inter alia* fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** (P.A. (RCP) - 26 ta' Novembru 2002 inghad li:-

*"… dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala obbligazzonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and eduction of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community … these essential obbligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable ..."* (***Viladrich, P.J.***, op. cit., p 687).

Illi jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju meta jkun hemm inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku. B'referenza ghas-sentenza **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 osservat li d-difett ta' kunsens m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta` ta' karattru jew ma' decizjoni zbaljata.

Illi fil-kawza **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, gie osservat li:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient*

*wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”*

Illi l-attur ibbaza n-nullita` taz-zwieg fuq il-kunsens tal-konvenuta taht **artikolu 19 (1) (f)**. Dan l-artikolu jirreferi kemm ghal simulazzjoni totali u kif ukoll parzjali. Illi fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** deciza fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effetivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalhemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fil-kaz in ezami wiehed irid jara jekk il-partijiet izzewgux sempliciment ghall-konvenjenza, u cjoe’ sabiex il-partijiet ikunu jistghu jghixu taht l-istess saqaf minghajr il-familja u b’hekk ukoll l-attur ikun jista’ jibqa’ Malta u jahdem, jew inkella zzewgux biex jifformaw familja, bl-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga.

Illi mill-kumpless tal-provi migbura gie ppruvat, li r-raguni vera sabiex jersqu ghaz-zwieg kienet ta’ konvenjenza u mhux biex jintrabtu fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet. Ic-cirkostanzi kollha, kemm antecedenti u kif ukoll dawk sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali jridu jigu kkunsidrati sabiex tasal sal-grad ta’ probabbilta` li kien hemm eskluzjoni pozittiva.

*“Biex wiehed jara jekk parti jew ohra fiz-zwieg eskludietx, b’ att pozittiv kif fuq imfisser, dan l-element essenzjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid jara mhux biss id-dikjarazzjonijiet ossia konfessjonali maghmula “a tempo vergine” minn parti jew minn ohra, izda wkoll – u forsi aktar importanti – ic-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg.”* (ara **“Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi”** deciza fis-16 ta’ Dicembru 1996).

Illi l-gurista ***Francesco Bersini*** jispjega:

*“Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto positivo di volonta` lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita`*

*vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano.”* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci** (Torino), 1994).

Illi qed issir referenza ghall-kawza **“Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** deciza fl-10 ta’ Marzu 2000 fejn inghad:

*“… meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun; pero` tali intenzjoni tista’ tigi manifesta wkoll implicitament.”*

Illi f’din id-decizjoni kompla jinghad li fi kliem il-gurista ***Castano***:

*“… l’atto positivo della volonta` non s’identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente.”* (***Castano, J.F.*****, Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**).

Illi b’referenza ghall-kawza **“Josephine Grech vs Mahmoud Awwada”** deciza fl-10 t’Ottubru 1995 fejn gie ritenut li:

*“Minn din il-verzjoni jirrizulta car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti … kien zwieg ta’ konvenjenza, intiz sabiex il-konvenut ikun jista’ jibqa’ Malta, jahdem bla problemi u eventwalment jikseb ic-cittadinanza … Hawn qeghdin ghalhekk fil-kamp tas-simulazzjoni u cjoe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar consensus simulatus jew consensus fictus. Din is-simulazzjoni tista’ tkun jew totali jew parzjali (“**Anna Galea vs John Walsh”**, Prim’ Awla, 30 ta’ Marzu 1995). Fil-kaz prezenti din il-Qorti tara li kien hemm simulazzjoni totali da parti tal-*

*konvenut ghax kollox jindika li hu eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu ...”*

Illi gie wkoll ritenut mit-Tribunal Regjonali ta’ Halifax (Canada) fis-sentenza tat-23 ta’ Gunju 1977 **Coram Morrisey** (u riportata f’**Documentation II on Marriage Nullity Cases, Hudson**, ***J.E. ed., Ottawa*** (St. Paul University), 1979, p. 136):

*“In addition, we should mention that the law clearly states…that a positive act of will is required for an intention to exert an influence on matrimonial consent. However, it is not necessary that the act of exclusion be explicit; an implicit act would suffice as a basis for an invalidating simulation of marital consent. Furthermore, it is not necessary that the positive act required for simulation be actual; a virtual intention contrary to the essence of marriage would suffice to render the consent invalid by reason of simulation.”*

Illi b’kapacita’ tal-partijiet ghaz-zwieg wiehed jifhem dawk il-prerekwiziti oggettivi li jridu jkunu jezistu fil-parti sabiex dik il-parti tkun tista’ tersaq ghaz-zwieg u sabiex tkun tista’ validament tikkontratta. Is-simulazzjoni necessarjament tippresumi li persuna setghet tersaq ghaz-zwieg u setghet validament tikkontratta izda, b’ghazla taghha, iddecidiet li fil-fatt ma tikkontrattax validament. (**“Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** deciza fl-10 ta’ Marzu 2000).

Illi fil-kawza **“Alfred Tonna vs Maria Tonna”** deciza fil-31 ta’ Dicembru 1996 gie dikjarat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b’att pozittiv tal-volonta, tkun qed teskludi xi element jew propjeta’ essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi fil-kawza **“Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi”** deciza fis-16 ta’ Dicembru 1996 l-Qorti kkunsidrat il-kaz:-

*"… ta' min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu ikun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."*

Illi l-Qorti f'dak il-kaz ghamlet referenza ghall-gurista ***Castano***, fejn jghid li l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' ntenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia ntenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002 il-Qorti nnotat li:-

*"… taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi dwar l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae',* fil-kawza **"Magri vs Magri"** deciza fl-14 ta' Lulju 1994, inghad illi *"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja."*

Illi mill-provi kollha migbura fil-fatt jirrizuta li l-partijiet odjerni ma hadu ebda konsiderazzjoni sabiex dahlu ghaz-zwieg bejniethom, u hadd minnhom ma ta kunsens validu ghaz-zwieg. Jirrizulta li dan kien zwieg ta' konvenjenza ntenzjonat sabiex l-istess attur ikun jista' jibqa' jghix u jahdem hawn Malta. Tant kien minnu dan li l-konvenuta ghamlet minn kollox sabiex ma jkollhomx tfal, u fil-fatt hekk kienet l-intenzjoni taghha sa minn qabel dan is-suppost zwieg. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel mal-perit legali li skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet tal-principji legali applikati ghall-kaz in ezami, jidher li n-

nullita’ ta’ dan iz-zwieg fil-konfront taz-zewg kontendenti giet ippruvata.

Illi in konkluzjoni ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta’ **artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li l-kunsens ta’ kull parti kien fil-fatt hekk vizzjat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta’ Lulju 1995 huwa null u bla effett fil-ligi *stante* li l-kunsens ta’ kull parti kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------